**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Jannar 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**DIMITRY TOMASHOV**

**KUMP NRU 200/2009**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Dimitry Tomashov** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 29564(A) gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 t' Ottubru 2008 ghall-habta tal-03:40hrs gewwq Triq tul il-Kosta (Bahar ic-Caghaq), Naxxar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Maysara Nzahmidinova;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi involontarjament ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Aaron George Pace minn San Pawl il-Bahar hekk kif iccertifikat mit-tabib Dr. Jonathan Calleja mill-isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni GAA938 ghad-detriment ta' Joseph Anthony Chetcuti;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu jew f'lok pubbliku ghall-pubbliku, kien jidher bic-car fis-sakra waqt li kellu l-hsieb ta' xi vettura

5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura DBA771 tal-ghamla Nissan b'mod traskurat u perikoluz;

6. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-*seatbelt*.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-20 ta` Ottubru 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 13);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi rrizulta ampjament u a sodisfazzjon tal-ligi illi kmieni filghodu tat-2 ta' Ottubru 2008, fil-bidu tat-triq tal-kosta ta' Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, madwar tlett mitt metru 'l boghod kif tiskorri l-inkrocju ta' Palm Beach sehh incident tat-traffiku. Illi f'dan l-incident kienu involuti zewg vetturi, dik tal-marka Fiat Brava bin-numru ta' registrazzjoni GAA-938 misjuqa minn Aaron George Pace u dik tal-marka Nissan bin-numru ta' registrazzjoni DBA-771 misjuqa mill-imputat. Dawn iz-zewg vetturi kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni opposta bil-Fiat gejja mid-direzzjoni ta' St.Andrews u n-Nissan gejja mid-direzzjoni tas-Salini. **Gara illi l-karozza tal-marka Nissan, hekk**

**kif waslet fil-kurva ezistenti, fil-vicinanzi ta' fejn gara l-incident, tilfet il-kontroll, marret fuq in-naha 'l ohra tat-triq u marret fil-karreggata opposta fejn dak il-hin kienet qed tinstaq il-Fiat imsemmija** (enfasi tal-Qorti)**. Din il-manuvra certament, u f'dak il-mument krucjali, saret wahda perikoluza.** Dawn iz-zewg vetturi habtu b'daqqa soda frontalment. F'dan l-incident korrew gravi iz-zewg persuni ta' nazzjonalita' Russa, ix-xufier li kien l-imputat u l-front seat passenger Maysara Nzahmidinova, kif wkoll wegga' x-xufier tal-Fiat Bravo Aaron Pace. Ikoll ittiehdu l-isptar ghall-kura. **Konsegwenza ta` dan l-incident, ftit tal-hin wara l-incident, Maysara Nzahmidinova tilfet hajjitha** (ara l-*medico legal post mortem examination report* esebit u mahluf fl-istadju ta` l-inkjesta).

**Irrizulta wkoll mill-provi, bl-ghajnuna ta` l-esperti nominati, illi ebda mis-sewwieqa ma kien qed isuq bi speed jew speed eccessiv. Irrizulta wkoll li sfortunatament, il-passiggiera, fil-vettura Nissan misjuqa mill-imputat, Maysara Nzahmidinova, ma kienetx liebsa s-seat belt. Bhala fatt ukoll irrizulta li l-imputat kien ghadu kif gab il-licenzja tas-sewqan propju ftit granet qabel l-incident de quo. Huwa kellu 19-il sena**. Irrizulta ex admissis mill-imputat illi lanqas huwa ma kien liebes is-seat belt.

Dwar il-griehi allegatament ta` natura gravi li garrab Aaron George Pace, is-sewwieq tal-vettura Fiat, u dwar l-allegazzjoni mressqa mill-prosekuzzjoni permezz ta` l-imputazzjoni numru 4 u cioe li l-imputat kien fis-sakra fit-termini ta` l-istess imputazzjoni, din il-Qorti ghandha tippuntwalizza s-segwenti.

Ghalkemm fl-atti kullhadd jitkellem dwar il-griehi gravi li sofra Aaron Pace – u ghalkemm din il-Qorti hi f'qaghda li tiddikjara li probabbilment l-imsemmi Aaron Pace vera wegga u sofra feriti – peress illi mkien fil-process ma tirrizulta prova oggettiva dwar in-natura ta` l-istess feriti li allegatament garrab Aaron Pace – din il-Qorti hi tal-fehema illi t-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta kif migjuba, izda tirrizulta l-imputazzjoni, kompriza u nvoluta, li involontarjament l-imputat ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Aaron Pace (peress illi ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta` feriti hfief, bizzejjed jekk il-Qorti tkun konvinta li dawn il-feriti gew sofferti, minghajr il-htiega li jigi pprezentat certifikat f'dak is-sens).

Ghal dak li jirrigwarda r-raba (4) imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din ma gietx ippruvata oggettivament skond il-ligi. Mhux bizzejjed, ghas-sostenibbilita` ta` tali imputazzjoni, dak li stqarr l-imputat u cioe li huwa ha zewg drinks ma Maysara Nzahmidinova ghall-habta tal-11.00pm (ftit aktar minn erba sieghat qabel sehh l-incident fit-3.40am).

**Ikkunsidrat**;

Illi mir-rizultanzi processwali, kollox jindika li ghall-incident li sehh fil-lejl in kwistjoni, jahti unikament l-imputat. U kollox jindika li dan **l-incident sehh minhabba n-nuqqas ta` hila fis-sewqan tieghu ; in-nuqqas ta` esperjenza fis-sewqan li rrizulta f'deficenzja fil-kalkolu (minn naha ta` l-imputat) f'mument tant krucjali waqt is-sewqan**.

Certament illi ma tirrizulta ebda kontributorjeta` da parti tas-sewwieq l-iehor Aaron George Pace, li ma ghandu ebda responsabbilta` ghal dak li sehh.

**Ikkunsidrat** ;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, fatt li certament huwa pezanti hafna u jinfluwenza enormement lill-Qorti hu t-telfien tal-hajja ta` tfajla fil-fjur taghha. Fatt li jhallik bla kliem. Kull vettura hi potenzjalment arma qattiela. Dwar dan ftit li xejn hemm argument.

F'dan il-kuntest ta` sanzjoni, il-Qorti li tkun pero` ma ghandha qatt titlef il-perspettiva reali u fattwali ta` kazijiet bhal dawn u cioe` li hawn si tratta ta` l-involontarju. U ma tistax din il-Qorti ma tqisx fatturi rizultanti, li f'kull kaz ghandu jkollhom *bearing* waqt il-kontemplazzjoni tas-sanzjoni u dwar is-sanzjoni innifisha.

Sfortunatament l-imputat kien ghadu zghir, fl-eta` ta` 19-il sena, u kien ghadu kif gab il-licenzja tas-sewqan. Ma rrizulta ebda speed jew speed eccessiv fis-sewqan tieghu. Kollox jindika allura li kien hemm nuqqas ta` hila fis-sewqan tieghu. Sfortunatament ukoll, il-passiggiera ma kienetx liebsa s-seat belt. Fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, dan bhala fatt jimmerita attenzjoni.

Il-Qorti qieset, fost ohrajn, il-fedina penali nettissima ta` l-imputat esebita in atti a folio 5, u l-fatt li l-imputat ghandu impjieg fiss bhala submarine diver.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi l-hajja umana m'ghandhiex u qatt ma ghandha tkun ikkonsidrata bhala rhisa. Ma jfissirx pero' li f'kull kaz fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat ta' incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz huwa differenti minn iehor. Jigifieri l-Qorti trid tara jekk jezistix kaz ta` negligenza zghira jew kbira, jekk huwiex kaz ta` sewqan perikoluz minhabba qziez jew qziez zejjed li juri sewwieq fis-sewqan tieghu. Kull kaz allura ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` omicidju involontarju (fost ohrajn) kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` dan ir-reat kif migjub kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi. Meqjus dan kollu din il-Qorti tqis li ma hux fl-ahjar interess tal-Gustizzja li timponi piena karcerarja effettiva.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 30, 31, 214, 215, 216, 225, 226, 328(D), U 338(FF) TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, KIF UKOLL L-ARTIKOLU 15(1)(A)(2)(3) TAL-KAPITOLU 65 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, U L-LEGISLAZZJONI SUSSIDJARJA 65.12 REG. 3, 12, U 13, ISSIB LILL-IMPUTAT DIMITRY TOMASHOV MHUX HATI TAR-RABA IMPUTAZZJONI U MINNHA TILLIBERAH SKOND IL-LIGI; IZDA SSIBU HATI TAL-EWWEL IMPUTAZZJONI U TAT-TIENI IMPUTAZZJONI – MHUX PERO LI KKAGUNA NVOLONTARJAMENT FERITI TA` NATURA GRAVI IZDA TALLI INVOLONTARJAMENT IKKAGUNA FERITI HFIEF (KOMPRIZA U NVOLUTA); KIF UKOLL ISSBU HATI TAT-TIELET, TAL-HAMES U TAS-SITT**

**IMPUTAZZJONIJIET MIGJUBA FIL-KONFRONT TIEGHU U TIKKUNDANNAH KOMPLESSIVAMENT GHALL-PIENA TA` PRIGUNERIJA TA` SENTEJN (2) IZDA, BIS-SAHHA TAL-ARTIKOLU 28A TAL-KAP 9, TORDNA LI S-SENTENZA MA TIDHOLX FIS-SEHH HLIEF JEKK, MATUL IL-PERJODU TA` TLETT (3) SNIN MILL-LUM, IL-HATI JIKKOMMETTI REAT IEHOR LI GHALIEH HEMM PIENA TA` PRIGUNERIJA.**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Dimitry Tomashov, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €340.08 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Joseph Zammit, €100.65 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` PC6 Duncan Demicoli, €161.59 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-Perit Richard Aquilina, €1790.17 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert tekniku Mario Buttigieg, u €490.33 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-*medico legal post mortem examination*. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.**

**Inoltre, l-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati Dimitry Tomashov ghal perjodu ta' sentejn (2) millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur